TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 249/10

**Ronnie Caruana**

**vs**

**Windsor Cucine u V. Demajo & Bros.**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab prezz ta' forn ġdid, minħabba l-fatt li dak li kien xtara kellu diversi difetti u nuqqasijiet.

Is-soċjetajiet intimati ppreżentaw risposta bil-miktub għal din it-talba, pero V. Demajo & Bros. m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata Windsor Cucine li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara sett tal-kċina mingħand Windsor Cucine, pero' l-appliances ġew mingħand V. Demajo & Bros. u l-garanzija wkoll kienet mingħand l-istess V. Demajo & Bros. Wara li uża l-forn darbtejn, dan beda jitqaċċat u r-rubber tal-forn inħaraq u nqata'.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata V. Demajo & Bros., debitament notifikata kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehrietx għas-seduta, u minkejja wkoll li kien mitlub minnha stess sabiex tiġi differita, u għalhekk turi nuqqas ta' interess fil-kawża.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li l-garanzija kienet mingħand V. Demajo & Bros. u mhux mingħand Windsor Cucine.

It-Tribunal jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli, stante li hu żgur li m'għandux għalfejn jaħti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa't-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimate V. Demajo & Bros tħallas l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata V. Demajo & Bros., b'dan illi l-forn jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**